MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 537/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sittax (16) ta’ Settembru, tas-sena elf disa’ mija u sitta u disghin (1996), u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal – D, N, S u I, ilkoll ahwa B.

Illi l-partijiet ilhom legalment separti minn xulxin sa mis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), u dana permezz ta’ kuntratt redatt min-nutar Dr. Nicholas Briffa, kopja ta’ liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok. A.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u sebgha (2007), huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment x’jithallas versu l-konvenuta, stante d-dekadenza reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt, Dok. A, klawsola numru tnejn (2).

Illi inoltre jinghad li l-ulied imsemmija ghadhom sa’ llum lkoll minuri, u li ghadhom lkoll jircievu manteniment ta’ tmenin (80) Lira, ekwivalenti ghal mija u sitta u tmenin ewro, u hamsa u tletin centezmu (€186.35), awmentat ghal mitejn u hdax-il ewro u erbgha u tmenin centezmu (€211.84), b’mod regolari ghall-ahhar minghand il-missier.

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Novembru, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati

mis-27 ta’ Settembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------